# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 852/2015 MH**

**Illum, 12 ta' Diċembru, 2018**

**Untours Insurance Agents Limited (C-5655) in rappreżentanza tas-soċjeta' assiguratriċi estera QIC International LLC u Citadel Insurance p.l.c (C-21550) kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurata tagħhom One Productions Limited (C-12946)**

**-vs-**

**Sebastian Duca (ID No: 100455M) li jeżerċita l-kummerċ bl-isem ta' 'Casa Completa'**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi tal-10 ta' Settembru 2015** li permezz tiegħu espona:

1. *"Illi s-soċjeta' One Productions Limited kienet sofriet danni kbar b'riżultat ta' ingress ta' kwantita ta' ilma tax-xita fit-8 t'Ottubru, 2011 fl-istudios tagħha fil-Marsa, liema danni komplew jiġu aggravati bl-ingress*

*u dħul ta' iżjed ilma tax-xita fis-serata u n-nofs ta' nhar ta' bejn il-15 u s-16 t'Ottubru, 2011.*

2. *Illi dan id-dħul ta' ilma kien ikkawżat mill-fatt illi x-xogħolijiet li kienu saru mill-intimat fis-saqaf tal-istudios ma kinux ġew eżegwiti skond is-sengħa u l-arti u/jew ma ġewx eżegwiti bl-utilizazzjoni ta' materjal idoneu.*

3. *Illi għalhekk l-intimat huwa unikament responsabbli għad-danni kollha hekk sofferti mis-soċjeta' One Productions Limited b'riżultat ta' dan id-dħul tal-ilma u dan anke kif ċertifikat fir-rapport peritali rilaxxjat mill-AIC Godwin Agius illi kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa bħala Dok. 'A'.*

4. *Illi d-danni sofferti mis-soċjeta' One Productions Ltd kienu jikkonsistu kemm fi ħsarat fil-proprjeta' immobbli nnifisha, u ċioe' l-binja tal-istudios, kif ukoll fl-equipment, apparat u attrezzatura fl-intern tal-bini.*

5. *Illi s-soċjeta' One Productions Limited kellha fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni maħruġa mas-soċjetatjiet rikorrenti Untours Insurance Agents Limited (C-5655) in rappreżentanza tas-soċjeta' assiguratriċi estera QIC International LLC u Citadel Insurance p.l.c (C-21550) li tkopri ħsarat illi One Productions Ltd tista' ssofri fil-proprjeta' tagħha (Polza ta' Assigurazzjoni Numru 880900014 – Commercial Combined Policy).*

6. *Illi d-danni sofferti mis-soċjeta' One Productions Ltd b'riżultat ta' dan l-akkadut kienu jammontaw għas-somma ta' €57,985.11 u s-soċjetajiet rikorrenti ħallsu lis-soċjeta' magħhom assigurata One Productions Ltd*

*is-somma ta' €50,620.61 u dan wara li tnaqqset is-somma rappreżentanti l-policy excess.*

7. *Illi l-quantum ta' dawn id-danni ġew iċċertifikati mid-ditta ta' chartered loss adjusters Hayes & Pike illi għax-xogħol tagħhom tħallsu s-somma ta' €3,271.67 [vide Invoice hawn annessa bħala Dok. 'B'].*

8. *Illi s-soċjetajiet rikorrenti ġew debitament surrogati fid-drittijiet tas-soċjeta' One Productions Ltd għall-imsemmija somma ta' €50,620.61 [Surroga hawn annessa bħala Dok. 'C'].*

9. *Illi għaldaqstant is-somma globali dovuta mis-soċjetatjiet rikorrenti fil-konfront tal-intimat tammonta għal €53,892.28 (u ċioe' s-somma ta' €50,520.61 imħallsa lill-assigurata tagħhom One Productions Ltd u li għaliha saret is-surroga relattiva u s-somma ta' €3,271.67 rappreżentanti l-loss adjusting / survey fees).*

10. *Illi l-intimat ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas din is-somma hekk dovuta iżda huwa baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Jghid għalhekk l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti -:*

(i) *prevja kwalsijasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-intimat huwa unikament responsabbli għall-ħsarat kollha kaġjonati fil-bini u l-apparat tas-soċjeta' One Productions Limited li kienet assigurata mas-soċjetajiet rikorrenti;*

(ii) *tiddikjara in oltre illi l-intimat huwa unikament responsabbli biex iħallas lis-socjetajiet rikorrenti s-somma globali ta' tlieta u ħamsin elf*

*tmien mija u tnejn u disgħin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€53,892.28) konsistenti, in kwantu għas-somma ta' ħamsin elf ħames mija u għoxrin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€50,520.61) rappreżentanti d-danni riżarċiti lis-soċjeta' assigurata One Productions Ltd taħt il-polza tal-assigurazzjoni fuq imsemmija u in kwantu għas-somma ta' tliet elef mitejn u wieħed u sebgħin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€3,271.67) rappreżentanti l-loss adjusting / survey fees imħallsa mis-soċjetajiet rikorrenti; u*

*(iii) tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjetajiet rikorrenti l-imsemmija somma ta' tlieta u ħamsin elf tmien mija u tnejn u disgħin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€53,892.28).*

*Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni preżentat kontestwalment ma' dan ir-Rikors Ġuramentat u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Sebastian Duca tas-7 ta' Diċembru 2015**[1] li permezz tagħha ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. *"Illi preliminarjament, it-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tal-kumpanniji attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-esponenti*

[1] Fol 14 et seq

*jikkontesta bil-qawwa kollha illi huwa b'xi mod responsabbli għad-danni reklamati mill-kumpanniji attriċi, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

a. *Illi kif ser jirriżulta fil-mori tal-proċeduri odjerni u kif spjegat f'aktar dettall fid-dikjarazzjoni tal-fatti li tifforma parti minn din ir-risposta ġuramentata, l-esponenti, kien ġie inkarigat mill-kumpannija One Productions Limited sabiex jeżegwixxi xogħolijiet ta' riparazzjoni u waterproofing fuq parti mis-saqaf tal-istruttura ta' corrugated asbestos sheeting preżenti fil-fond relattiv, liema saqaf kien iddeterjorat u minnu kien jipperkola ammont sostanzjali ta' ilma meta tagħmel ix-xita, liema xogħolijiet kienu għadhom mhumiex kompluti fil-ġurnata li fiha allegatament seħħew id-danni msemmija fir-rikors promotur u l-esponenti kien għadu ma ħariġx is-certificate of completion relattiv u l-garanzija relattiva;*

b. *Illi inoltre, kif ukoll ser jirriżulta fil-mori tal-proċeduri odjerni u kif spjegat f'aktar dettall fid-dikjarazzjoni tal-fatti li tifforma parti minn din ir-risposta ġuramentata, il-kumpannija One Productions Limited kienet tat struzzjonijiet lill-esponenti sabiex l-esponenti ma jagħmilx xogħolijiet ta' waterproofing taħt l-outdoor units tal-airconditioning system li kienu jinsabu fuq is-saqaf in kwistjoni u infurmaw lill-istess esponenti li kienu ser iqabbdu lil persuna terza eżerċenti l-kummerċ bl-isem "Mr. Lee", li kien il-persuna inkarigat bix-xogħolijiet ta' waterproofing fuq parti oħra tal-istess saqaf, sabiex din il-persuna "iddur bl-irqiq" l-ispazju ta' bejn dawn l-outdoor units u s-saqaf de quo, u dan kontra l-parir tal-istess esponenti li nforma lill-kumpannija One Productions Limited illi kien konsiljabbli illi l-imsemmija outdoor units jiġu mgħollija minn fuq is-saqaf sabiex l-esponenti jkompli għaddej bis-sistema*

*ta' waterproofing tiegħu minflok ma' din titħalla li ssir fi stadju ulterjuri minn persuna terza;*

c. *Illi kif ukoll ser jirriżulta fil-mori tal-proċeduri odjerni, l-esponenti kien addirittura, ftit ġranet biss qabel ma seħħet il-maltempata in kwistjoni, reġa ġibed l-attenzjoni tar-rappreżentanti tal-kumpannija One Productions Limited illi kien jeħtieġ illi jsir xogħolijiet ta' waterproofing taħt l-imsemmija outdoor units u f'dan ir-rigward, l-esponenti reġa għal darb'oħra ta' parir lir-rappreżentanti tal-kumpannija One Productions Limited sabiex dawn l-outdoor units jiġu elevati mil-livell tas-saqaf sabiex isir ix-xogħol taħthom, iżda għal darb'oħra, għal raġunijiet illi jafuh huma biss, ir-rappreżentanti tal-kumpannija One Productions Limited irrifjutaw li dan isir u nfurmaw lill-esponenti illi fil-fehma tagħhom ma kienx hemm il-ħtieġa ta' dan u li kienu ser jagħmlu xi forma ta' paraqua sabiex jilqgħu għal xi eventwali ilmijiet;*

d. *Illi inoltre, minkejja illi l-kumpannija One Productions Limited kienet ben konsapevoli tal-fatt illi x-xogħolijiet ta' waterproofing kienu għadhom mhumiex kompluti, huma xorta waħda, frott l-għaġla u b'negliġenza grassa, iddeċidew illi jagħmlu xogħolijiet ta' finitura (finishings) u li jdaħħlu u jħallu equipment, apparat u attrezzatura fl-intern tal-binja in kwistjoni;*

e. *Illi kien appuntu dan in-nuqqas da parti tal-kumpannija One Productions Limited illi hija l-kawża diretta tad-danni li qed jirreklamaw il-kumpannija attriċi, u dan kif ser jirriżulta fil-mori tal-proċeduri odjerna;*

f. *Illi in ogni każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, mhuwiex minnu illi x-xogħolijiet eżegwiti mill-esponenti ma kinux eżegwiti skont u s-sengħa u l-arti u/jew li ma ġewx eżegwiti bl-utilizzazzjoni ta' materjal idoneu;*

g. *Illi għal kull buon fini u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jirrileva illi din hija l-ewwel darba illi qegħdha tissemma d-data tat-8 ta' Ottubru 2011 u, kif ser jirriżulta fil-mori tal-proċeduri, l-ingress tal-ilma li tat lok għad-danni li l-kumpannija One Productions Limited irreklamaw mill-kumpanniji assiguratriċi tagħhom seħħ fil-lejl bejn il-15 u s-s16 ta' Ottubru 2011;*

3. *Illi konsegwentement, hija l-kumpannija One Productions Limited (C12946) ta' A28B, Industrial Estate, Marsa li, minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' diliġenza hija responsabbli għad-danni minnha sofferti, u f'dan ir-rigward, l-esponenti jitlob bir-rispett illi l-kumpannija One Productions Limited (C12946) għandha tiġi msejjħa fil-kawża ai termini tal-artikolu 961 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex twieġeb għat-talbiet tal-kumpanniji attriċi;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permissibbli skont il-liġi.*

*Għaldaqstant, permezz tal-preżenti, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tal-kumpanniji attriċi fil-konfront tal-esponenti, bl-ispejjeż kontra l-istess kumpanniji attriċi li huma minn issa nġunti in subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

**Rat illi waqt is-seduta tad-9 ta' Diċembru 2015 ġie deċiż li l-ewwel jinstemgħu il-provi dwar l-eċċezzjoni preliminari li tirrigwarda l-preskrizzjoni.**

Rat il-provi mressqa mill-partijiet dwar din l-eċċezzjoni.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

**Rat illi l-kawża baqgħet differita għall-lum għall-provi dwar din l-eċċezzjoni.**

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenut kien għamel xi xogħlijiet fis-saqaf tal-i*studios* ta' One Productions Ltd. Ġie allegat li f'żewġ okkażjonijiet f'Ottubru 2011 seħħet perkolazzjoni ta' ilma tax-xita ġewwa l-i*studios* imsemmija li kkawżat ħafna danni u dan stante li l-konvenut ma esegwixxiex tali xogħlijiet skont l-arti u s-sengħa u/jew uża materjal mhux idoneu. Is-soċjetajiet atturi kif surrogati fid-drittijiet ta' One Productions Ltd qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-ħsarat kollha kaġjonati fil-bini u l-apparat tas-soċjeta' One Productions Ltd kif ukoll li tordna l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni fis-somma totali ta' €53,892.28.

Minn naħa tiegħu fil-mertu l-konvenut irrespinġa l-pretensjonijiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Fost affarijiet oħra huwa qal li s-saqaf in kwistjoni kien wieħed iddeterjorat u li għalhekk minnu kien jipperkola ilma meta tagħmel ix-xita. Ix-xogħlijiet li dwarhom sar l-ilment kienu għadhom mhux lesti fil-ġurnata li fiha seħħew l-allegati danni. Oltre dan huwa ssenjala diversi nuqqasijiet tas-soċjeta' One Productions Ltd li fil-fehma tiegħu kienu l-kawża

diretta tad-danni subiti minnhom. Fi kwalunkwe każ huwa ċaħad l-allegazzjoni li ma kienx wettaq xogħol skont is-sengħa u l-arti u/jew li ma użax materjal idoneu.

**Mill-provi rilevanti għall-fini ta' din l-eċċezzjoni** rriżulta li –

i. Skont Roberto Francalanza in rappreżentanza ta' One Productions Ltd[2], fis-sena 2011 din is-soċjeta' ħarġet *tenders* biex jiġu rranġati s-soqfa tal-*istudios* tagħha ġewwa l-Marsa u ntagħżel il-konvenut biex jagħmel dan ix-xogħol. L-għan tat-*tender* kien li s-saqaf kollu jinkesa b'materjal apposta biex ma tidħolx xita. L-ewwel kien hemm ftehim verbali mal-konvenut imbagħad ftehmu li l-ewwel jagħmlu parti mis-saqaf biex jaraw kif imur ix-xogħol u eventwalment tkompliet il-biċċa l-oħra. Ix-xogħol beda circa f'Awissu 2011 u tlesta xi xhur wara.

Ġia sa minn meta sar l-ewwel *patching* id-diriġenti ta' One Productions Ltd bdew jinnutaw xi qsim u mill-ewwel ġibdu l-attenzjoni tal-konvenut dwar dan iżda huwa qalilhom li kważi kważi li kien aħjar hekk ħalli meta tagħmel ix-xita jaraw hux qed jgħaddi l-ilma[3]. Sfortunatament meta għamlet l-ewwel xita daħlilhom l-ilma. Ix-xhud kompla jgħid li fejn qabel kien jidħlilhom l-ilma f'xi partijiet biss, spiċċaw biex beda jidħlilhom l-ilma fil-kumpless kollu. F'okkażjoni minnhom kellhom iwaqqfu programm *live* għax fl-i*studio* kien nieżel l-ilma minn kullimkien u l-ilma anke tajjar is-sistema tad-dawl. Wara dan l-episodju x-xhud kien ċempel lill-konvenut u talbu biex jiltaqgħu ħalli jara s-sitwazzjoni u hu kien mar.  Wara l-ewwel xita qawwija kien hemm tlett darbiet li għamlet xita fuq xulxin u s-sitwazzjoni kompliet tiggrava u filwaqt li bdew ibattlu l-ilmijiet kellhom anke jbiddlu xi programmi. Sussegwentement One

---

[2] Xhieda a fol 105 et seq
[3] Skambu ta emails a fol 116 et seq

Productions Ltd kienu qabbdu lill-perit Godwin Agius li ħejja rapport fit-22 t'Ottubru 2011[4]. Wara dan ir-rapport huma ħadu passi legali li wasslu biex tinfetaħ din il-kawża.

ii. Il-perit Godwin Agius[5] li kkonferma bil-ġurament ir-rapport tiegħu qal li mill-konstatazzjonijiet li għamel irriżultalu li l-ingress ta' ilma fil-kumpless ta' One Productions Ltd kien kawżat minn materjal mhux tajjeb li ntuża u xogħol li sar ħażin. Qal ukoll li huwa kien ra l-ftehim li kien sar bejn One Productions Ltd u l-konvenut u kien innota li l-affarijiet minn naħa tal-konvenut ma kinux saru kollha skont l-*ispecifications* indikati fil-ftehim imsemmi.

iii. One Productions Ltd tħallset is-somma ta' €50,620.61 għas-saldu tal-claim tagħha mis-soċjeta' assikurattiva Untours Insurance Agents[6] Ltd.

iv. Malli saru dawn il-ħlasijiet din is-soċjeta' ġiet surrogata fid-drittijiet ta' One Productions Ltd. **Din is-surroga saret b'effett mid-9 ta' Lulju 2013**[7].

v. One Productions Ltd ippreżentat **tlett ittri uffiċjali fir-rigward tal-mertu odjern kontra l-konvenut u ċioe' fl-10 t'Ottubru 2012[8], fil-25 ta' Settembru 2013[9] u 5 t'Awissu 2015**[10].

Il-konvenut jeċċepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-**artikolu 2153 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid hekk -

[4] Fol 5 et seq.
[5] Fol 154 et seq
[6] Xhieda Roberto Francalanza a fol 114
[7] Dok a fol 135
[8] Fol 42
[9] Fol 43
[10] Fol 45

*"2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

It-teżi tal-konvenut hija li ġjaladarba s-soċjetajiet atturi ġew surrogati fid-drittijiet tas-soċjeta' One Productions Ltd nhar id-9 ta' Lulju 2013, kien minn dakinhar li huma ngħatalhom id-dritt jeżerċitaw l-azzjoni tagħhom kontrih. L-aħħar att ġudizzjarju ntavolat minn One Productions Ltd qabel ma seħħet din is-surroga kien fl-10 t'Ottubru 2012. Wara dan l-att ma ġie preżentat ebda att ġudizzjarju ieħor mis-soċjetajiet atturi odjerni kontrih għajr ir-rikors ġuramentat fl-10 ta' Settembru 2015. B'hekk għaddew sentejn u ħdax il-xahar mill-aħħar att ġudizzjarju preżentat minn One Productions Ltd qabel din għaddiet id-dritt li tistitwixxi proċeduri kontrih lill-kumpaniji atturi sad-data tal-preżentata tal-kawża u fi kwalunkwe każ għaddew ukoll aktar minn sentejn mid-data li fiha seħħet is-surroga a favur is-soċjetajiet atturi sad-data tal-preżentata tal-kawża odjerna.

F'termini legali u a bażi tal-artikolu 2137 tal-Kap 12 il-konvenut jgħid li l-azzjoni attriċi hija preskritta. Huwa jargumenta li fil-mument li seħħet is-surroga fid-9 ta' Lulju 2013 is-soċjetajiet atturi akkwistaw b'titolu derivattiv, u għad-esklużjoni tal-kumpanija One Productions Ltd, id-dritt illi jistitwixxu azzjoni kontrih, liema dritt kien sa dakinhar tas-surroga vestit fis-soċjeta' One Productions Ltd u li mas-surroga żvestiet ruħha mid-dritt illi tistitwixxi tali azzjoni kontra l-konvenut. Fil-fehma tal-konvenut it-terminu utli għall-preżentata tal-kawża odjerna skada fil-11 t'Ottubru 2014 u ċioe' wara t-trapass ta' sentejn mill-preżentata tal-aħħar att ġudizzjarju ta' One Productions Ltd li kiser il-preskrizzjoni skont il-liġi u dan ftit xhur qabel ma' s-soċjetajiet atturi ġew surrogati fid-drittijiet ta' One Productions Ltd. Il-konvenut ikompli jargumenta li l-ittri uffiċjali preżentati minn One Productions Ltd wara li seħħet is-surroga ma jistgħux iservu biex jinterrompu l-preskrizzjoni tad-dritt tal-

azzjoni tas-soċjetajiet atturi stante li mill-mument tas-surroga dan id-dritt t'azzjoni għadda lis-soċjetajiet atturi ad esklużjoni ta' One Productions Ltd u *se mai* minn dak l-istadju 'l quddiem kellhom ikunu biss is-soċjetajiet atturi li jeżerċitaw id-dritt ta' azzjoni minnhom akkwistat permezz tas-surroga; dan billi jibagħtu l-att neċessarju sabiex tinkiser il-preskrizzjoni. La dan ma sarx l-azzjoni hija preskritta.

L-atturi nvece jirribattu li l-azzjoni odjerna mhix preskritta. Fl-ewwel lok huwa jargumentaw li l-artikolu 2153 tal-Kap 12 mhuwhiex applikabbli għall-kaz tal-lum il-għaliex il-bazi tal-azzjoni hija waħda ta' danni naxxenti minn relazzjoni kuntrattwali li l-assikurata tagħhom One Productions Ltd kellha mal-konvenut u għalhekk *se mai* hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' kwinkwennali u mhux dik eċċepita mill-konvenut. Inoltre l-atturi jargumentaw li fi kwalunkwe każ lanqas ma jiswa l-argument tal-konvenut li l-interpellazzjonijiet ġudizzjarji magħmula mill-assigurata tagħhom ma jiswewx sabiex jinżamm fis-seħħ id-dritt t'azzjoni tagħhom *una volta* sseħħ is-surroga. Huma jiċċitaw ġurisprudenza biex juru li l-fatt li bejn is-surroga u l-kawża odjerna l-assigurata One Productions Ltd ippreżentat ittri uffiċjali, dan jgħodd ukoll biex jinterrompi l-preskrizzjoni.

Il-Qorti tibda l-kunsiderazzjonijiet tagħha b'referenza għall-ġurisprudenza in materja fosthom il-każ **Mario Pace vs Corinthia Palace Hotel Company Limited et deċiż fit-13 ta' Ġunju 2013**[11] fejn ingħad hekk -

*"Is-soċjetajiet konvenuti qed jeċċepixxu li l-azzjoni attriċi hi preskritta bi skadenza ta' sentejn skont l-artikolu 2153 tal-Kodici Ċivili. Dan l-artikolu jippreskrivi b'terminu ta' sentejn l-azzjonijiet kollha għad-danni li jirriżultaw minn delitt jew kwazi-delitt. L-attur da parti tiegħu jsostni li l-artikolu invokat mhux applikabbli peress li l-azzjoni tagħha hi waħda kuntrattwali……*

*[…..]*

[11] Cit 353/05

*Hu ribadit fil-ġurisprudenza tagħna li għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-art.2154(1) tal-Kap.16); (b) azzjoni għall-hsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt ('l hekk imsejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Ċivili; u (c) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin;*

*Hu għalhekk paċifiku li illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Artikolu 2153, tal-Kodiċi Ċivili tikkolpixxi "l' azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" (Kollez. Vol. XXVIII P I p 726).*

*Illi, għalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra li ma tapplikax għall-ħsara maħluqa minn għemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata ħsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali (Ara per eż. "**Calafato vs Muscat**", deċiża fil-5 ta' Frar, 1895 (Vol. XV.44); "**Naudi vs Zammit**", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 1925 (Vol. XXVI.I.54), "**Calleja vs Xuereb**", deċiża minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 1982). Fil-kawża "**Borda vs Arrigo Group of Hotels et**", deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 1999, ġie konfermat li l-preskrizzjoni applikabbli tkun ta' ħames snin jekk id-danni huma riżultat ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni.*

*Il-kwistjoni in eżami hija jekk il-kolpa fil-każ prezenti kinetx kontrattwali jew extra - kontrattwali / aquiliana naxxenti mid-delitt jew kważi delitt.*

*L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "**Joseph Busuttil v Emmanuel Schembri**" deċiża fid-19 ta' Frar 1954 per Sir. Luigi Camilleri, irriteniet li wieħed mill-kriterji sabiex jiġi deċiż jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiliana, vwoldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiliana <u>biss</u> meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali. "(enfasi ta' din il-Qorti.) Din il-Qorti irriteniet li fatt ta' negligenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun non factum jew anke male factum ma tistax tkun kolpa aquiliana imma damnum injuria datum li jista' isir fl-okkażżjoni ta' kuntratt. Il-Qorti ċċitat Laurent li jgħallem "Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi delitto interessa la sicurezza delle persone.... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni*

*convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario."*

*Din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għall-awturi Baudry-Lacantinerie li jgħidu "La prescrizione dell'azione pubblica non si applica all' azione civile se non quando questa abbia esclusivamente per base un crimine, un delitto, una contravvenzione; e' inapplicabile quando l'azione all'infuori di un fatto delittuoso, ha la sua base in un contratto anteriore a questo fatto o in una disposizione di diritto civile."*

*Hu ammess il-konkors bejn ir-responsabbilita' kontrattwali u dik extra kontrattwali. Kif ġie deċiż fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet "**Vassallo vs Mizzi et**", deċiża fid-9 ta' April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi "l-ħtija meta tiġi kkunsidrata fl-entita' tagħha, hija waħda; u taħt dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejħa aquiliana, li titnissel minn delitt jew kważi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawża u fil-grad. In kwantu għall-kawża, il-ħtija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-eżistenti li magħha hija marbuta; mentri l-ħtija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ' ex nunc'. In kwantu għall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wieħed jista' jirrispondi ta' ħtija ħafifa skont il-każ, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruħha b'mod li dwarha ma hemmx grad."*

*Ukoll fil-każ fl-ismijiet "**Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et.**" (deċiża fit-18 ta' April 1963 – (Vol. XLVII.III.1110) ġie deċiż li "ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita' kontrattwali u ħtija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kważidelitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha żewġ azzjonijiet – dik nascenti minn ħtija contrattuale u dik nascenti minn ħtija extra contrattuale."*

*Fil-każ ta' azzjoni għad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale l-attur għandu jipprova li huwa kellu favur tiegħu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. B'hekk ir-responsabbilita' għad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas tagħha, u dana skont il-każ, li hemm bejn il-partijiet kontendenti.*

*L-awtur Andrea Torrente jagħti eżempju ċar sabiex ikun jista' jagħraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li tagħti lok għar-responsabbilita' contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li tagħti lok għar-responsabbilita' extra contrattuale. Din iċ-ċitazzjoni hija ċitata f'diversi*

*sentenzi reċenti tal-Qrati tagħna u, għall-iktar ċarezza, qed tiġi hawnhekk abbraċċjata wkoll minn din il-Qorti:*

*"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti". L-awtur jispjega li fl-ambitu tar-responsabbilita' "extra contrattuale ... un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno."*

Imbagħad, dwar il-mument li fih l-azzjoni odjerna setgħet tiskatta din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd deċiż fit-28 t'April 2016**[12] qalet li -

*L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

*"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li "actio non natae non praescribititur"*[13] *(Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet* ***Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*

*Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta għall-impossibilita` li jaġixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq ċitat fis-sens li t-terminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa" jirreferu għall-kawzi ġuridiċi li jistgħu ikunu ta' xkiel għall-azzjoni u mhux għal kawżi purament fattwali, per eżempju, għal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soġġettiv diment li dawn ma jqegħduhx fl-impossibilita` li jaġixxi."*

Fil-każ **Joseph Caruana et vs Dominic Cutajar et deċiż fit-8 t'Ottubru 2014**[14] il-Qorti kompliet li-

[12] Rik Gur 1051/2007
[13] **John Grech vs Ivan Mifsud et** P.A. deciza fl-1 ta' April 2003
[14] Cit Nru 398/05

*"……kif intqal fil-kawża fl-ismijiet* ***Anna Vella vs Eric Darmanin*** *(deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, mill-Onor. Imħallef Lino Farrugia Sacco, fl-10 ta' Diċembru, 2012):*

*"Japplika wkoll il-prinċipju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli taġixxi fil-każ fejn l-eżerċizzju ta' azzjoni proċesswali tkun neċessarjament tiddependi minn pronunzjament ieħor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv (Xuereb vs Zammit, Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994),*

*Di piu' fil-każ* ***Kuludrovic vs Muscat****, deċiża fl-1 ta' Ġunju 1959, il-Qorti tal-Appell Kummerċjali per President Anthony Mamo, irriteniet:*

*"***Bianco vs Demarco***", deċiża fit-2 ta' Ġunju 1930 fuq l-awtorita' tal-Pugliese, 'la subordinazione di un ' azione ad un'altra puo aver luogo o perche' l'accertamento di un diritto sia l-antecedente logico e neccessario per l'esercizio di un altro diritto o perche' l-esercizio di una data azione non sia permesso dalla legge se non dopo che siasi esaurito il giudizio intorno ad un altro rapport guiridico a cui l-azione si riconette" Meta dan jiġri kif appuntu fil-każ preżenti, il-preskrizzjoni għar-rigward tat-tieni azzjoni tibqa' sospiża " Se l'esercizio di una azione dipende dall'esito di un giudizio nel quale si contrasta il presupposto del diritto medesimo, la pendenza di questo giudizio constituisce legali impedimento all'esercizio del diritto e sospende la prescrizione "" (Fadda art 2120 no. 120 Ara wkoll ibid art. 2119 nri 11, 17, 53, 103, 122);"*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet b'applikazzjoni għall-każ odjern:

1. Analizzata l-bażi tal-azzjoni attriċi l-Qorti ssib li din mhijiex iżolata u distinta mir-relazzjoni kontrattwali li kien hemm bejn One Productions Ltd u l-konvenut iżda hija proprju arġinata fuqha. L-oriġini ta' kollox huwa fil-fatt il-ftehim li kien sar bejn dawn il-persuni appena msemmija sabiex il-konvenut jagħmel xogħlijiet fuq is-soqfa tal-i*studios* ta' One Productions Ltd. Dik is-soċjeta' allegat li sofriet danni kawża ta' xogħol ħażin li sar mill-konvenut fl-esekuzzjoni tal-appalt mogħti lilu wara li sofriet ingress ta' ilma meta għamlet ix-xita. One Productions Ltd irċeviet mingħand l-atturi l-ħlas għad-danni allegatament sofferti. Issa permezz tal-proċeduri odjerni dak li qed jagħmlu l-atturi - li fil-frattemp daħħlu fiż-żarbun ta' One Productions Ltd permezz tas-surroga tad-9 ta' Lulju 2013 - huwa li jduru fuq il-konvenut għar-rimbors tal-ħlas li huma għamlu lill-assigurata tagħhom One Productions Ltd in vista tal-allegata inadempjenza kuntrattwali da parti tal-istess konvenut. Isegwi lir-relazzjoni maħluqa bejn One Productions Ltd. u l-konvenut hija naxxenti minn

kuntratt ukoll li n-ness bejn ir-relazzjoni kuntrattwali oriġinali u l-azzjoni odjerna huma ben pruvati;

2. Konsegwentement, indipendentement minn jekk fil-mertu l-atturi għandhomx raġun jew le fil-pretensjonijiet tagħhom, f'dan l-istadju preliminari tal-kawża huwa pależi li t-talbiet tal-atturi jipprexxindi mill-premessa li l-konvenut ma onorax l-obbligi kuntrattwali tiegħu u għalhekk huma kienu kostretti jiftħu l-kawża tal-lum wara li ġew debitament surrogati fid-drittijiet tal-assigurata tagħhom One Productions Ltd;

3. Fiċ-ċirkustanzi għalhekk, l-**artikolu 2153 tal-Kap 16 invokat mill-konvenut mhuwhiex applikabbli għall-każ odjern** in kwantu kif ampjament muri fil-ġurisprudenza ċitata, dan l-artikolu huwa applikabbli biss f'każijiet ta' kolpa extra-kuntrattwali li mhuwhiex il-każ odjern;

4. Jiġi sottolineat ukoll li f'każ bħal dak tal-lum fejn għadu kif instab li l-artikolu tal-preskrizzjoni sollevat mill-konvenut mhuwhiex applikabbli m'għandhiex tkun il-Qorti li tindaga hi liema preskrizzjoni kienet *se mai* applikabbli. Fil-każ **Maltacom plc vs Salina Co. Ltd deċiż fit-30 ta' Novembru 2004**[15] il-Qorti qalet hekk - *"....skond l-Art.2111 il-Qorti ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzjoni jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata; li jfisser li l-qorti ma tistax tissuplixxi ex officio għan-nuqqas tal-parti u m' għandhiex għalhekk tfittex biex tara hijiex applikabbli għall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b' mod ċar u espliċitu minn min jinvoka" [PA.[PS]* ***Donald Manche noe vs Joseph Said*** *- 28 ta' Ġunju 2003 – vide każistika ċitata]."*

Il-Qorti tista' tieqaf hawn iżda għall-fini ta' kompletezza sejra tindirizza l-argumenti mressqa mill-konvenut dwar l-effetti legali tas-surroga li saret bejn One Productions Ltd u s-soċjetajiet atturi fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni tal-

[15] Cit 1791/99

preskrizzjoni. L-iżball kardinali kommess mill-konvenut għal fini ta' din l-eċċezzjoni huwa li legalment qiegħed jifred lil One Productions Ltd mis-soċjetajiet atturi u dan meta huwa paċifiku li kulma għamlu s-soċjetajiet atturi kien li bis-surroga sempliċiment daħlu fiż-żarbun ta' One Productions Ltd[16] bl-implikazzjonijiet kollha li dan iġib miegħu f'għajnejn il-liġi. L-attur erroneamet jargumenta li fil-mument li seħħet is-surroga fid-9 ta' Lulju 2013 is-soċjetajiet atturi akkwistaw b'titolu derivattiv, u għad-esklużjoni tal-kumpanija One Productions Ltd, id-dritt illi jistitwixxi azzjoni kontrih, liema dritt kien sa dakinhar tas-surroga vestit fis-soċjeta' One Productions Ltd u li mas-surroga żvestiet ruħha mid-dritt illi tistitwixxi tali azzjoni kontra l-konvenut. Dan mhuwhiex legalment korrett. Fil-każ ċitat ukoll mis-soċjetajiet atturi fl-ismijiet **Untours Insurance Agency Ltd noe vs Salvatore Zarb deċiża fl-20 t'April 2005** ingħad hekk mill-Qorti b'referenza għal argument identiku imqajjem mill-appellanti f'dik il-kawża –

"*......A propożitu huwa jitlaq mill-affermazzjoni illi l-ittra uffiċċjali tad-19 ta' Novembru 2002 saret mill-assigurat wara li kien ġja sar il-ħlas mill-assigurazzjoni taħt il-polza "comprehensive" għad-danni subiti fil-vettura ta' l-assigurat, u saret allura s-surroga. Għalhekk, jikkontendi li tali ittra uffiċċjali ta' l-assigurat ma setgħetx isservi biex tinterrompi l-eċċepita preskrizzjoni di fronte għas-soċjeta` assiguratriċi attriċi billi l-assigurat ma kienx baqalu interess biex jiddomanda l-hlas tad-danni mingħandu wara li kienet avverat ruħha s-surroga;*

*Jinsab dibattut fid-dottrina l-kwestjoni jekk l-assiguratur jistax jitqies ċessjonarju tal-kreditu (intiza din il-kelma f' sens wiesgha) li kellu l-assigurat fil-konfront tiegħu taħt il-polza. M' hemmx dubju illi s-surroga tiddistingwi ruħha miċ-ċessjoni tal-kreditu in kwantu tippresupponi l-ħlas tad-debitu, mentri fiċ-ċessjoni l-prezz pattwit (Artikolu 1469, Kodiċi Ċivili) ma għandux funzjoni riżoluttiva tad-debitu pre-eżistenti. Huwa sostenut, pero`, li d-disposizzjonijiet taċ-ċessjoni tad-drittijiet jistgħu jiġu biss ritenuti applikabbli in parte għas-surroga. Dan fis-sens li għall-effikaċja tas-surroga d-debitur, ossija t-terz responsabbli, għandu jiġi komunikat lilu mill-assiguratur il-fatt tas-surroga;*

*Jinsab ukoll preċiżat illi jekk l-assiguratur ma jagħmelx tali komunika, id-danneġjat allevolja jkun irċeva l-indennita` assigurattiva, ikollu d-dritt li jaġixxi għar-riżarċiment kontra t-terz responsabbli mingħajr ma' dan jista' jopponilu l-fatt tal-ħlas tal-indenniz mill-assigurazzjoni;*"

[16] Dan a tenur tal-artikolu 1166 (c) tal-Kap 16 li jgħid li *"Is-surroga ssir ipso jure favur -.........(ċ) ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu;"*

Wara li għamlet referenza għall-ġuriprudenza Taljana b'analoġija, l-Qorti kompliet hekk –

*"Applikati s-suddetti enunċjazzjonijiet għall-każ in ispeċje, anke jekk il-fatti kronoloġiċi kienu kif rakkontati mill- appellanti fir-rikors ta' l-appell tiegħu, dan ma iġibx illi l-ittra ufficċjali tad-19 ta' Novembru 2004 preżentata mill-assigurat, anke jekk wara s-surroga, għandha għal daqshekk titqies nulla u bla effett jew li ma sservix biex tinterrompi l-preskrizzjoni anke a benefiċċju tas-soċjeta' assigurattriċi attriċi. Dan għaliex, kif fuq illustrat, is-surroga ta' l-assiguratur ma toperax ruħha awtomatikament iżda għal dik li hi 1-effikaċja tagħha hi sottoposta għall-kondizzjoni li l-assiguratur jirrikjedi lid-danneġġjant ir-rimbors tad-danni mħallsa. Tali talba saret biss permezz ta' l-avviż preżentat. Fil-frattemp pero' bejn is-surroga u l-azzjoni, l-assigurat ippreżenta ittra ufficċjali, kif kellu kull dritt jagħmel in bażi għas-sentenzi ċitati. Din allura tgħodd biex tinterrompi l-preskrizzjoni eċċepita.......".*

Fid-dawl tas-suespost, liema nsenjament il-Qorti tagħmlu tagħha, ma hemm ebda dubju għar-raġunijiet indikati fil-każ ċitat, li fil-proċeduri odjerni fi kwalunkwe każ it-tlett ittri uffiċjali mibgħuta lill-konvenut minn One Productions Ltd kemm qabel kif ukoll wara s-surroga lis-soċjetajiet atturi kienu servew biex interrompew il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna, dan nonostante dak ilmentat mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li ma kien hemm *" ...ebda att ġudizzjarju ieħor ippreseżentat mill-kumpanija attriċi kontra l-esponenti għajr għar-rikors ġuramentat promotur li ġie ppreżentat fl-10 ta' Settembru 2015".*[17]

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu u tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

[17] Folio 163.

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**